# 60 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Banda Lourdes fil-Qrendi

1942-2002

minn **Joe A. Magro, President**

Sittin sena ilu ġraw żewġ avvenimenti kbar fl-istorja bikrija tas-Soċjetà Mużikali Lourdes, li ħallew impatt kbir fis-snin ta' wara. Dawn kienu l-ħatra ta' l-Avukat Dr. Ġużè Cassar fl-età ta' 24 sena, l-ewwel avukat tal-Qrendi, fil-kariga ta' President ta' *Lourdes Philarmonic Club*, kif kien magħruf dak iż-żmien l-każin u t-twaqqif tal-Banda Lourdes, l-ewwel banda fil-Qrendi.

Id-dinja kienet għadha ddominata xi ftit mit-Tieni Gwerra Dinjija u ħafna mill-ispazju tal-każin kien meħud mir-refuġjati, il-biċċa l-kbira mill-Kottonera. F'dik l-epoka ħafna mill-Orkestri li kienu jeżistu fil-każin bdew jiġu trasformati f'baned u anke fil-Każin Lourdes beda jinħass il-bżonn li l-Orkestra Bellini kienet għamlet żmienha u flokha tiġi ffurmata banda.



*Festa 1943*



*Festa 1943*

Providenzjalment fil-każin tagħna kien jattendi, flimkien ma' suldati oħra li kienu stazzjonati fil-Palazz tal-Guarena u fil-viċinanza tal-Qrendi, Surġent fl-RMA, Mro. Mikiel Ciantar, Żebbuġi, li kien kapaċi ħafna għal dik li hija direzzjoni mużikali. Il-Kumitat Eżekuttiv taħt il-presidenza ta' Dr. Cassar approva t-twaqqif tal-banda u f'Ġunju 1942 Mro. Mikiel Ciantar inħatar l-ewwel Surmast u Fundatur tal-Banda Lourdes. Bl-għajnuna tas-Sur Carmel Aquilina, Direttur tal-Każin, ħadu ħsieb jgħallmu għadd kbir ta' allievi ġodda, kollha mill-Qrendi, u f'qasir żmien ħariġhom idoqqu mal-Banda Lourdes.

Din il-banda li twaqqfet fl-1942 kienet iffurmata minn dawn il-bandisti:
Benjamin Cassar - *flawt*, Carmelo Abdilla - *kwartin*,

Nazzareno Attard Barbara, Giuseppi Aquilina, Benjamin Cassar, Kalċidon Aquilina, Salvu Magro, Toni Axiaq, Efrem Vella, Giuseppi Farrugia u Nazzareno Fenech - *Klarinetti*, Benjamin Vella, Michael Brincat, Giuseppe Pace, Nazzareno Magro, Tony Bugeja - *Kurunetti*, Pinu Axiaq - Kornu, Carmelo Aquilina, Jack Magro - *Althorn*, Nikol Vella (li għadu jdoqq sal-lum), Francis Tabone - *Euphonium*, Carmelo Tanti, Andrew Magro u Salvu Magro - *Bassi si b*, Louis Galea - *Contrabasso*, Edward Cassar - *Tambur*, Pinu Zammit - *Katuba*, u Tony Falzon - *Platti*.



*Mro. Mikiel Ciantar*



*Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali*

Dawn il-bandisti kienu kollha mill-Qrendi, membri ta' *Lourdes Philarmonic Club* u l-uniċi bandisti barra mir-raħal kienu ż-żewġt itfal ta' l-istess Surmast Mikiel Ciantar, Nikol li kien idoqq tromba solo u Karmenu li kien idoqq kornu.

Il-lezzjonijiet tal-mużika kienu jsiru nhar ta' Sibt filgħaxija u l-Ħadd filgħodu kienu jinżammu l-kunċerti tal-Banda. Mro. Ciantar tant kien ħadha bis-serjetà t-twaqqif tal-Banda Lourdes li mis-Sibt għall-Ħadd kien jorqod fil-każin, sabiex l-għada filgħodu kien jisbaħ mill-ewwel il-Qrendi. Mro. Ciantar ma kellux diploma mużikali għax dak iż-żmien ma kinux moda, iżda kellu "widna" perfetta għall-mużika. Nota ħażina ma kinitx taħrablu. Kien bniedem ta' dixxiplina li bena l-karriera mużikali tiegħu mal-Banda RMA. Il-mużika fuq il-manuskritti kien ipittira.



F'dak iż-żmien fost il-mużika li kienet tindaqq mill-Banda Lourdes insibu bċejjeċ operistiċi, mużika militari, marċi brijużi u anke mużika taż-żfin. Ħafna mill-partituri mużikali kienu jinġiebu mill-istess Surmast Ciantar li kien jissellifhom mingħand il-Banda Militar tal-RMA.

L-ikbar wirt li ħallielna Mro. Mikiel Ciantar huwa l-kompożizzjoni mużikali ta' l-Innu tal-Banda, li għadu jindaqq sal-lum, fuq versi tal-ħabib tiegħu, Żebbuġi wkoll, il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila.


Privat fil-Qrendi

MATHS O' LEVEL • PURE MATHS A' LEVEL

minn għalliema gradwata għall-eżamijiet tas-SEC ta' Mejju 2003

Il-Kors jibda f'Lulju

*Tel. 9986 7525*